**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju, 2025**

**Talba Nru: 442/2023MD**

**Rimus Trading Agency Limited (C 20020)**

**Vs**

**(i) Le Grenier a' Pain Malta Limited (C 84790) u**
**(ii) Jean-Christophe Frederic Dominique Froissard (ID 0166481A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-12 ta' Diċembru, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenuti jiġu kkundannatati sabiex iħallsu s-somma ta' tlett'elef, sitt mija u wieħed u sittin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżimu (€3661.26) rappreżentanti in kwantu għal tlett'elef, tlett mija u sitta u sittin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżimu (€3366.26) bilanċ tal-prezz ta' merkanzija li ġiet mibjugħa u konsenjata mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta, u in kwantu għal mitejn u ħamsa u disgħin ewro (€295) bilanċ ta' kera ta' magna ta' kafe' li ġiet mikrija lis-soċjeta' konvenuta, ta' liema soċjeta' konvenuta, il-konvenut huwa garanti solidali u indiviżibbli a favur tas-soċjeta' attriċ; bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 2776/23 li ġie ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax kummerċjali mit-28 ta' Lulju, 2022, li hija d-data tal-aħħar konsenja, sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

[1] A fol 1 et seq tal-proċess

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti ġew debitament notifikati bl-Avviż, ma kkontestawx il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma dehru għas-seduti tat-13 ta' Marzu, 2025[2], tal-10 ta' April, 2025[3] u tat-23 ta' Mejju, 2025[4].

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tal-10 ta' April, 2025[5] u fil-fatt il-konvenuti ma dehrux sabiex jirrispondu għalih għas-seduta tat-23 ta' Mejju, 2025[6].

Sema x-xhieda ta' **Christopher Ciappara fil-kariga tiegħu ta' Chief Financial Officer tas-soċjeta' attriċi**[7] li kkonferma li s-somma ta' tlett'elef, sitt mija u wieħed u sittin ewro u sitta u għoxrin ċenteżimu (€3661.26) għadha dovuta mil-kovenuti u esebixxa l-*istatements*, l-*invoices* u l-*credit form application*[8].

Ra li fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2025[9], it-Tribunal ikkonċeda ġimgħa żmien lill-konvenuti sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom, madanakollu tali sottomissjonijiet ma ġewx preżentati;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mix-xhieda ta' Christopher Ciappara u d-dokumenti ppreżentanti.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna lil konvenuti jħallas s-somma ta' tlett'elef, sitt mija u wieħed u sittin ewro u sitta u għoxrin ċenteżimu (€3661.26) lis-soċjeta' attriċi, bl-imgħax dekorribbli mit-28 ta' Lulju, 2022[10] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2776/23 jitħallsu unikament mil-konvenuti.

**Dr. Marouska Debono**

**Ġudikatur**

[2] A fol 43 tal-proċess
[3] A fol 44 tal-proċess
[4] A fol 78 tal-proċess
[5] A fol 45 tal-proċess
[6] A fol 78 tal-proċess
[7] A fol 46 tal-proċess, xhieda datata 10 ta' April, 2025
[8] A fol 48 et seq tal-proċess
[9] A fol 78 tal-proċess
[10] Data skont it-Talba